FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

### Seduta ta' nhar It-Tnejn 22 ta' April , 2002

**Avviz Nru:1274/01 PM**

**Vella Ronald**

**Vs**

**Micallef Marija**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' mija u sittax il-Lira Maltin u disa' u disghin centezmu (LM 166.99) rapprezentati danni li sofra l-istess attur f' incident tat-traffiku fejn qal li l-konvenuta kienet unikament responsabbli;

Ra li l-konvenuta pprezentat ir-risposta fejn qalet li l-istess incident sehh unikament b' negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur;

Ra d-dokumenti Dok.RB, Dok JG, u Dok. JB1

Ra s-seduta mizmuma fl-24 ta' Jannar 2002 fejn xehed l-attur Ronald Vella. L-attur qal li kien nizel in-nizla tal-Addolorata minn fuq il-lane ta' gewwa fuq ix-xellug mal-bankina. Il-konvenuta kienet nizla bill-vettura fuq il-lemin tal-attur fejn xehlet l-indicator tax-xellug biex iddur ghac-cimiterju tal-Addolorata u kisret. L-attur iddikjara li laqat il-mudguard ta' quddiem tieghu stess u nefaq madwar Mija u sittax il-Lira Maltin (LM116);

Ra l-istess seduta mizmuma fl-24 ta' Jannar, 2002 fejn xehlet Lidja Vella, il-mara tal-attur, fejn qalet l-istess haga bhal l-attur. Xehed ukoll PS Joseph Gregh fejn ezebixxa l-iskizz u r-Road Accident Report;

Ra l-affidavit ta' Jospeh Grima prodott mil-konvenuta datat 4 ta' Novembru, 2001 fejn qal li kien passiggier ma' bintu, Marija Micallef, meta kienu nezlin fuq il-lane tan-naha ta' gewwa hdejn il-bus bay u dawret u l-karozza bill-mod lejn l-entratura principali tac-cimiterju. Joseph Grima ddikjara li Marija Micallef kienet xeghlet l-indicator biex turi li kienet ser iddur;

Ra s-seduta mizmuma fl-4 ta' Marzu, 2002 fejn xehed Jospeh Micallef, prodott mill-konvenuta u qal li kien passigier fuq wara tal-karozza misjuqa minn Marija Micallef. L-istess Joseph Micallef spjeaga li fejn gara' l-incident hemm bus lane fuq ix-xellug u tlett

lanes ohra. Qal li Maria Micallef kienet qeghda ssuq fill-lane ta' hdejn il-bus stop;

Ra x-xhieda ta' Marija Micallef li kkonfermat x-xhieda tar-ragel taghha u Jospeh Grima;

Filwaqt li l-attur jallega li l-konvenuta qasmet l-lanes biex tidhol f' side street, il-konvenuta tghid li kienet diga' fuq il-lane ta' gewwa u l-attur habat fuq wara tal-karozza taghha;

Mill-skizz jidher li l-verzjoni tal-attur hija aktar kredibli. Dan ukoll ghaliex jekk il-konvenuta kienet quddiem l-attur u bdiet biex iddur lejn ix-xellug taghha. L-hsara fill-vettura taghha kienet tkun fuq il-lemin fuq wara meta fill-fatt qeghda fill-punta tax-xellug fuq wara;

Ghaldaqstant It-Tribunal **jichad l-eccezzjoniiet** tal-konvenuta u jiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident u ghad-danni sofferti mill-attur u ghandha thallas lill-attur l-ammont mitlub fic-citazzjoni bl-ispejjes u bl-imghhax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Lulju, 2001.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**